Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,582, 24 ta' Frar, 1998
Taqsima B

A.L. 69 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons).

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tax-Xjenza;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons);

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons).

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1995 jew wara.

Eliġibilita' għall-Grad

3. Biex ikun eliġibbli għall-Grad student għandu:

(a) jkun reġistrat bħala student regolari fil-Kors skond it-termini tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) jtemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u fil-proġett elettiv, u jissodisfa kull rekwiżit ieħor kif preskritt f'dawn ir-Regolamenti;

(ċ) jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt f'xi Statuti u Regolamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Reġistrazzjoni u Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. (1) Biex ikun reġistrat bħala student regolari fil-Kors kandidat għandu, minbarra li jissodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif imniżżlin fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors li ġejjin:

(a) **għall-Korsijiet mibdija f'Ottubru 1995 u Ottubru 1996:**

Qasam Ewlieni fit-Tieni Parti		*Suggett/i Obbligatorji fil-Livell Avanzat (grad minimu)*
Bioloġija		Bioloġija (Ċ) u Kimika (D)
Kimika		Kimika (Ċ) u Fiżika (D)
Xjenza tal-Kompjuter	**jew**	*Computing* (Ċ) u Matematika (D),
	jew	Matematika (Ċ)
Informatika	**jew**	*Computing* jew *Information Technology* (Ċ) u Matematika (D),
	jew	Matematika (Ċ)
Matematika		Matematika (Ċ)
Fiżika		Fiżika (Ċ) u Matematika (E)

(b) **għall-Korsijiet mibdija f'Ottubru 1997 jew wara:**

Qasam Ewlieni fit-Tieni Parti		*Jgħaddi mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola fil- :*
Bioloġija		Bioloġija (Mertu) u Kimika (Intermedja)
Kimika		Kimika (Mertu) u Fiżika (Intermedja)
Xjenza tal-Kompjuter	**jew**	*Computing* (Mertu) u Matematika Pura (Intermedja)
	jew	Matematika Pura (Mertu) u *Computing* (Intermedju)
Informatika	**jew**	Matematika Pura (Mertu)
	jew	*Computing* jew *Information Technology* (Mertu) u Matematika Pura (Intermedja)
Matematika		Matematika Pura (Mertu) u Matematika Applikata (Intermedja)
Fiżika		Fiżika (Mertu) u Matematika Pura (Intermedja)

(2) Kandidat, li huwa gradwat ta' Universita' jew għandu kwalifiki oħra meqjusa suffiċjenti, jista' jiġi eżentat mill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita', fuq il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakulta', minn parti jew mir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors kollha.

Struttura tal-Kors

5. (1) Il-Kors normalment jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju *full-time*, u għandu jkun imqassam f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti, kull parti tieħu sentejn.

(2) Fl-ewwel sena grupp ta' taqsimiet studju introduttorji u sussidjarji għandhom ikunu offruti fl-oqsma ta' studju li ġejjin: Bioloġija, Kimika, Xjenza tal-Kompjuter, Informatika, Matematika u Fiżika.

(3) Sa l-aħħar tat-tieni sena, l-istudenti għandhom jiddeċiedu fuq żewġ oqsma ewlenin ta' studju li sejrin isegwu fit-Tieni Parti tal-Kors. Ix-Xjenza tal-Kompjuter u l-Informatika ma jistgħux jintgħażlu flimkien. Fit-tielet u r-raba' sena (it-Tieni Parti) student għandu jikkonċentra fuq l-oqsma ta' studju speċifiċi magħżula kif imniżżel f'paragrafu (5) ta' dan ir-regolament.

(4) Il-Bord jista' jillimita l-possibilita' ta' tlaqqigħ flimkien ta' żewġ oqsma ewlenin ta' studju.

(5) Il-Kors għandu jkun magħmul minn taqsimiet studju li minnhom l-istudenti jistgħu jiksbu l-aktar 101 kredtu kif ġej:

(a) Fl-ewwel sena, erbatax-il kredtu għat-taqsimiet studju introduttorji; erba' kredti oħra, li wieħed minnhom jista' jkun kredtu extra-kurrikulari, għandhom ikunu magħżula mit-taqsimiet studju offruti minn xi fakulta'/ istitut ta' l-Universita', sakemm ikollhom l-approvazzjoni tal-Bord; kif ukoll għaxar kredti oħra għal taqsimiet studju magħżula minn sett ta' taqsimiet studju skond il-parir tal-Bord. Dawn l-aħħar għaxar kredti għandhom jinkludu żewġ kredti għal xogħol prattiku f'kull taqsima studju kif determinat mill-Bord;

(b) Fit-tieni sena, tmien kredti għal taqsimiet studju minn kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju. Fejn meħtieġ żewġ kredti minn kull suġġett għandhom ikunu assenjati għal xogħol prattiku. Minbarra dan, l-istudenti għandhom jieħdu sitt kredti magħżula minn sett ta' taqsimiet studju skond il-parir tal-Bord, u erba' kredti oħra, li wieħed minnhom jista' jkun extra-

kurrikulari, li għandhom jintgħażlu minn taqsimiet studju offruti minn xi dipartiment fil-Fakulta' tax-Xjenza;

(ċ) Fit-tielet sena, ħamsa u għoxrin kredtu; fejn meħtieġ tliet kredti għandhom jinkisbu għal xogħol prattiku f'kull qasam ewlieni ta' studju; minimu ta' tmien kredti għal taqsimiet studju f'kull qasam ewlieni ta' studju, u l-bqija tal-kredti, minbarra wieħed li jista' jkun kredtu extra-kurrikulari, għandhom ikunu miksuba minn fost it-taqsimiet studju ta' xi qasam ewlieni ta' studju fil-Kors;

(d) Fir-raba' sena, tnejn u għoxrin kredtu, li għaxra minnhom għandhom jinkisbu għal proġett elettiv f'wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju kif approvat mid-dipartiment responsabbli rispettiv. Iżda fil-każ tal-Matematika l-proġett elettiv għandu jikkonsisti f'konferenzi /*seminars* f'suġġetti speċjali li għandhom ikunu valutati b'eżamijiet bil-miktub fuq sitt sigħat. Sitt kredti oħra għandhom jinkisbu għal taqsimiet studju f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju.

(6) Il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju għal kull sena tal-Kors. Il-katalgu għandu jindika l-kredti assenjati għal kull taqsima studju, liema taqsimiet studju huma obbligatorji, u liema taqsimiet studju huma prerekwiżiti għal taqsimiet studju oħra. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(7) Il-Bord jista' jeżenta student mir-rekwiżit li jikseb taqsima studju jekk ikun kiseb mill-Universita', jew minn istituzzjoni magħrufa mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika ta' studju li hi, fl-opinjoni tal-Bord, mill-inqas ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dak meħtieġ għat-taqsima studju konċernata.

(8) Student ma jistax itemm il-Kors qabel erba' snin jew wara ħames snin mill-ewwel reġistrazzjoni, ħlief f'ċirkostanzi speċjali bil-permess tas-Senat, li jimxi fuq il-parir tal-Bord.

(9) Kull sena tal-Kors għandha tikkonsisti f'żewġ semestri ta' studju

Valutazzjoni u Progress

6. (1) Il-kredti jingħataw skond il-gradi li ġejjin f'ordni li jibda mill-ogħla sa l-inqas mertu: A, B, C, D u F, fejn F tindika li l-istudent weħel. Il-gradi għandhom jingħataw skond il-livell milħuq mill-istudent fix-xogħol tal-kors, u fit-testijiet orali u bil-miktub kif meqjus xieraq mid-dipartiment responsabbli, u bl-approvazzjoni tal-Bord.

(2) Studenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom aktar minn tmien kredti huma assenjati fl-ewwel sessjoni ta' l-ewwel sena m'għandhomx jitħallew ikomplu għat-tieni sena. Studenti li jeħlu f'taqsimiet studju li għalihom aktar minn erba' kredti huma assenjati fl-ewwel sessjoni tat-tieni sena m'għandhomx jitħallew ikomplu għas-sena ta' wara. L-istudenti għandhom jiksbu l-kredti kollha assenjati għax-xogħol prattiku matul il-Kors.

(3) Student li jitħalla jkompli skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament u li jonqos milli jġib il-kredtu/i għal taqsima studju fl-ewwel sessjoni għandu jitħalla jerġa' jiġi valutat f'dik it-taqsima studju darba biss. Fir-rivalutazzjoni, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(4) Student fl-ewwel sena li, wara r-rivalutazzjoni, xorta jeħel f'taqsimiet studju li għalihom erba' kredti jew aktar huma assenjati m'għandux jitħalla jkompli għat-tieni sena.

Iżda f'korsijiet li jibdew f'Ottubru 1996 jew wara, mhux aktar minn tnejn mill-kredti li weħel minnhom ma jistgħu jkunu mit-taqsimiet studju introduttorji ta' l-istess qasam ewlieni ta' studju.

(5) Student fit-tieni sena li, wara r-rivalutazzjoni, xorta jeħel f'taqsimiet studju li għalihom żewġ kredti jew aktar huma assenjati m'għandux jitħalla jkompli għas-sena ta' wara.

(6) Testijiet supplimentari bil-miktub isiru biss f'Settembru.

(7) Student li jonqos li jissodisfa r-rekwiżiti biex ikompli għas-sena ta' wara tal-Kors għandu jitħalla jirrepeti l-programm ta' studju għas-sena, sakemm ma jkunx diġa' irrepeta sena matul il-Kors, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali bl-approvazzjoni tas-Senat.

(8) Studenti li jitħallew jirrepetu sena jistgħu, fid-diskrezzjoni tal-Bord, jiġu eżentati milli jerġgħu jkunu valutati fit-taqsimiet studju li għalihom kienu ġabu kredtu matul is-sena li weħlu fiha.

(9) Studenti li jitħallew jirrepetu sena għandhom, jekk jgħaddu mit-testijiet rispettivi, jingħataw biss il-grad minimu 'D' għal kull taqsima studju li weħlu fiha s-sena ta' qabel.

(10) Fl-Ewwel Parti, it-taqsimiet studju li jintemmu f'semestru għandhom ikunu ttestjati fit-tmiem ta' dak is-semestru.

(11) Student jitħalla jkompli għat-Tieni Parti jekk ikun ġab minimu ta' disa' u erbgħin minn erba' u ħamsin kredtu kif stipulat fis-sotto-paragrafi (a) u (b) tal-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament li għandhom jinkludu dawk il-kredti kollha li huma meqjusa obbligatorji mill-Bord.

(12) Fl-Ewwel Sena tat-Tieni Parti (it-tielet sena) l-istudenti għandhom:

(a) jiksbu l-kredti kollha assenjati għal xogħol prattiku fl-oqsma ewlenin ta' studju kif meħtieġ. Il-gradi huma allokati skond il-kwalita' ta' rapport bil-miktub u tar-riżultati miksuba; u

(b) jiksbu minimu ta' sittax mit-tmintax-il kredtu assenjati għat-taqsimiet studju kurrikulari skond il-livell milħuq fit-testijiet bil-miktub sakemm fil-każ fejn il-Matematika hija waħda mill-oqsma ewlenin ta' studju, in-numru minimu ta' kredti għandu jkun ta' dsatax minn wieħed u għoxrin kredtu kurrikulari. Taqsimiet studju mitmuma f'semestru għandhom ikunu ttestjati fit-tmiem ta' dak is-semestru.

(13) Student li jonqos li jissodisfa l-eżaminaturi fix-xogħol prattiku fit-tielet sena jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottometti x-xogħol jew itemm xi xogħol / ijiet oħra sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk jgħaddi, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D. Jekk jeħel, l-istudent ma jitħallix ikompli għas-sena ta' wara tal-Kors irrispettivament mill-livell milħuq minnu fil-karti bil-miktub sakemm m'għadx għandu l-possibilta' li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel dan.

(14) Student li jeħel f'mhux aktar minn erbgħa mit-tmintax-il taqsima studju kurrikulari, jew fil-każ tal-Matematika f'erba' mill-wieħed u għoxrin taqsima studju kurrikulari, jista' jagħmel riparatorju f'Settembru. Jekk wara r-riparatorji l-istudent xorta jonqos milli jissodisfa l-eżaminaturi f'aktar minn żewġ taqsimiet studju, huwa m'għandux jitħalla jkompli għassena ta' wara tal-Kors sakemm m'għadx għandu l-possibilta' li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel dan.

(15) Fit-Tieni Sena tat-Tieni Parti (ir-raba' sena) l-istudenti għandhom:

(a) jiksbu l-għaxar kredti allokati għall-proġett elettiv f'wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju magħżul minnhom;

(b) jgħaddu mill-karti ta' l-eżami li jittestjaw il-materjal kopert fit-taqsimiet studju kollha tat-Tieni Parti fl-oqsma ewlenin ta' studju. Għandu jkun hemm tnax-il siegħa ta' eżamijiet bil-miktub li jiġbru fihom numru ta' karti ta' sagħtejn jew ta' tliet sigħat.

(16) Il-materji msemmija fis-sotto-paragrafi (a) u (b) tal-paragrafu 15 ta' dan ir-regolament għandhom ikunu meqjusa li jikkostitwixxu l-eżami finali sinottiku kollu.

(17) Għall-għanijiet tal-klassifikazzjoni tal-Grad, l-eżami finali sinottiku u l-kredti miksuba għandhom jgħoddu għal 70% u 30% rispettivament.

(18) Student li jonqos li jissodisfa l-eżaminaturi fil-proġett elettiv, jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottometti l-proġett elettiv f'Settembru. Jekk jgħaddi, l-istudent għandu jingħata l-grad minimu ta' kwalifika. Jekk jeħel l-istudent jista', jekk ikun meqjus mill-eżaminaturi li għandu mertu biżżejjed, jingħata l-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - sakemm m'għadx għandu l-opportunita' li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel dan.

(19) Student li jeħel f'mhux aktar minn żewġ karti ta' l-eżami bil-miktub jista' jerġa' jiġi eżaminat f'Settembru. Jekk jgħaddi, l-istudent għandu

jingħata l-grad minimu ta' kwalifika. Jekk ma jgħaddix jew jekk l-student jeħel f'aktar minn żewġ karti ta' l-eżami bil-miktub, huwa jista', jekk ikun meqjus mill-eżaminaturi li għandu mertu biżżejjed, jingħata l-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - sakemm m'għadx għandu l-opportunita' li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel dan.

Riżultati u Għoti tal-Grad

7. (1) Il-Grad għandu jingħata lill-istudenti li:

(a) kisbu mhux anqas minn tmienja u tmenin kredtu matul il-Kors;

(b) temmu b'suċċess it-taqsimiet studju indikati bħala obbligatorji mill-Bord; u

(ċ) issodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-eżami finali.

(2) L-ismijiet tal-istudenti kollha li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppublikati f'lista f'ordni alfabetiku f'waħda mill-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri.